

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 854/2013

tal-4 ta' Settembru 2013

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 fejn għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-iscrapie fil-mudell taċ-ċertifikat veterinarju għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' annimali ovini u kaprini li jkunu maħsubin għat-tgħammir u għall-produzzjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2004/68/KE tas-26 ta' April 2004 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni lejn u t-transitu matul il-Komunità għal ċerti annimali unġulati ħajjin, u temenda d-Direttivi 90/426/KEE u 92/65/KEE u tħassar id-Direttiva 72/462/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1)(e) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 ⁽²⁾ jistabbilixxi, fost affarijiet oħra, ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti kunsinni ta' annimali ħajjin jew ta' laħam frisk. Huwa jstipula li l-kunsinni ta' annimali unġulati għandhom jiddaħħlu fl-Unjoni biss jekk jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti u jkunu akkumpanjati miċ-ċertifikat veterinarju rilevanti, imfassal skont il-mudell stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.
- (2) Iċ-ċertifikat mudell għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' annimali ovini u kaprini għat-tgħammir huwa stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 (mudell "OVI-X"). Dan il-mudell jinkludi l-garanziji dwar l-iscrapie.

⁽¹⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 321.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikolari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).

- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (EST) fannimali bovini, ovini, u kaprini. Il-Kapitolu A tal-Anness VIII ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ ta' annimali ħajjin, ta' semen u ta' embrijuni fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-Anness IX ta' dan ir-Regolament jstipula l-kundizzjonijiet għall-importazzjoni ta' annimali ħajjin, embrijuni u prodotti ta' oriġini mill-annimali fl-Unjoni.
- (4) Fid-dawl ta' evidenza xjentifika ġdida, ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 ġie emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 630/2013 ⁽⁴⁾. L-emendi għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 ineħħu l-biċċa l-kbira tar-restrizzjonijiet rigward l-iscrapie atipika. Dawn ikomplu wkoll jikkonformaw ir-regoli rigward l-iscrapie klassika li għandhom x'jaqsmu ma' importazzjonijiet ta' annimali ovini u kaprini ħajjin, mal-istandards tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) biex jirriflettu approċċ aktar strett.
- (5) Għalhekk il-mudell taċ-ċertifikat "OVI-X" stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 għandu jiġi emendat biex jirrifletti r-rekwiżiti li għandhom x'jaqsmu mal-importazzjoni ta' annimali ovini u kaprini stipulati fir-Regolament (KE) Nru 999/2001, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 630/2013.
- (6) Ir-Regolament (UE) Nru 206/2010 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1)

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 630/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013 li jemenda l-Annessi għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 li jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 179, 29.6.2013, p. 60).

- (7) Biex ma jkun hemm ebda tfixkil tal-importazzjoni ta' kunsinni ta' annimali tal-ispeċijiet ovini u kaprini fl-Unjoni, l-użu ta' ċertifikati veterinarji maħruġin skont il-verżjoni tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 ta' qabel l-emendi li qegħdin jiddaħħlu permezz ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu awtorizzati għal perjodu tranżizzjonali soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.
- (8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju "OVI-X" huwa ssostitwit mit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Għal perjodu tranżizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2013, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali ħajjin ovini u kaprini għat-tgħammir u għall-produzzjoni, akkumpanjati minn ċertifikat veterinarju li jkun imtela u ffirmat skont il-mudell "OVI-X" stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness I tal-verżjoni tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 ta' qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, sakemm iċ-ċertifikati jkunu mtlew u ġew iffirmati qabel l-1 ta' Diċembru 2013.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Settembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

PAJJIŻ

Mudell OVI-X

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
Parti II: Ċertifikazzjoni	<p>II.1. Attestazzjoni tas-Saħħa Pubblika</p> <p>Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti f'dan iċ-ċertifikat:</p> <p>II.1.1. ġejjin minn stabbilimenti li kienu ħielsa minn kwalunkwe projbizzjoni uffiċjali minħabba raġunijiet ta' saħħa, għall-aħħar 42 jum fil-każ tal-bruċellożi, għall-aħħar 30 jum fil-każ tal-antraċe u għall-aħħar sitt xhur fil-każ tar-rabja, u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minn irziezet li ma kinux jissodisfaw dawn il-kondizzjonijiet;</p> <p>II.1.2. ma ngħataw ebda stilbene jew sustanza oħra tirostatika, estroġenika, androġenika, ġestaġenika jew β-agonistika għal skopijiet li ma kinux trattament terapewtiku jew zootekniku (kif iddefinit fid-Direttiva 96/22/KE).</p>		
	<p>II.2. Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Annimali</p> <p>Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:</p> <p>II.2.1. ġejjin minn territorju bil-kodiċi: (1) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:</p> <p>(²) <i>jew</i> [(a) ilu ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal 24 xahar]</p> <p>(²) <i>inkella</i> [(a) ilu meqjus bħala ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer sa minn (jj/xx/ssss), mingħajr każijiet/tifqigħat wara dik id-data, u ġie awtorizzat li jesporta dawn l-annimali permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru .../..., ta' (jj/xx/ssss)]</p> <p>(b) ilu ħieles għal 12-il xahar mill-pesta bovina, mid-deni tal-Wied tar-Rift, mill-peste des petits ruminants, mill-ġidri tan-ngħaġ u tal-mogħoż, mill-plewropulmonite tal-annimali kaprini li tittieħed u mill-marda epizootika emorraġika, u għal 6 xhur mill-istomatite vesikulari,</p> <p>(c) fejn matul l-aħħar 12-il xahar, ma sar l-ebda tilqim kontra dan il-mard imsemmi fil-punti (a) u (b) u l-importazzjonijiet ta' bhejtem domestiċi bid-difer mifrud imlaqqma kontra dan il-mard mhumieq permissi:]</p> <p>(²) <i>jew</i> [(d) ilu ħieles mill-marda tal-ilsien blu għal 24 xahar:]</p> <p>(²) <i>(7) inkella</i> [(d) ilu ħieles mill-bluetongue għal 24 xahar, u l-annimali rreaġixxew negattivament għal test seroloġiku għas-sejbien ta' antikorpi għall-marda tal-ilsien blu u għall-marda epizootika emorraġika, liema test sar f'żewġ okkażjonijiet fuq kampjuni tad-demem meħuda fil-bidu tal-perjodu ta' iżolament/kwarantina u mill-inqas 28 jum wara, fi (jj/xx/ssss) u fi (jj/xx/ssss), fejn t-tieni kampjun għandu jkun ittieħed fil-perjodu ta' għaxart ijiem qabel l-esportazzjoni:]</p> <p>(²) <i>inkella</i> [(d) ma ilux ħieles mill-bluetongue għal 24 xahar u l-annimali tlaqqmu b'vaċċin inattivat, mill-anqas 60 jum qabel id-data tad-dispaċé lejn l-Unjoni, kontra s-serotipi tal-bluetongue kollha... (daħħal is-serotip/i) li huma daww preżenti fil-popolazzjoni tas-sors kif muri permezz ta' programm ta' sorveljanza (⁹) f'żona b'raġġ ta' 150 km madwar ir-razzett(l-irziezet) tal-orijini deskritt(i) fil-kaxxa bin-numru ta' referenza I.11., u l-annimali għadhom fil-perjodu ta' immunità garantita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin:]</p> <p>II.2.2. dawn baqgħu fit-territorju deskritt fil-punt II.2.1 minn twelidhom, jew għal tal-inqas dawn l-aħħar sitt xhur qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni u bla ma ġew f'kuntatt, ma' annimali bid-difer mifruq impurtati fl-aħħar 30 jum;</p> <p>II.2.3. baqgħu minn twelidhom jew mill-inqas għal 40 jum fir-razzett(irziezet) deskritt(i) fil-kaxxa bin-numru ta' referenza I.11 qabel ma ntbagħtu:</p> <p>(a) fejn fih(om) u madwaru(hom), f'żona b'raġġ ta' 150 km, ma kien hemm l-ebda każ/tifqigħa tal-marda epizootika emorraġika matul is-60 jum ta' qabel, u</p> <p>(b) fejn fih(om) u madwaru(hom), f'żona b'raġġ ta' 10 km, ma kien hemm l-ebda każ/tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tal-pesta tal-ifrat, tad-deni Rift valley, tal-peste des petits ruminants, mill-ġidri tan-ngħaġ u tal-mogħoż, mill-plewropnewmonja tal-annimali kaprini li tittieħed u mill-istomatite vesikulari matul l-40 jum ta' qabel;</p> <p>II.2.4. safejn naf jien u skont id-dikjarazzjoni bil-miktub magħmula mis-sid, l-annimali:</p> <p>(a) mhumieq ġejjin minn stabbilimenti, u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minn stabbilimenti, li fihom instabu s-sinjali kliniċi tal-mard li ġejj:</p> <p>(i) agalactia kontaġġjuża tan-ngħaġ jew tal-mogħoż (<i>Mycoplasma agalactiae</i>, <i>Mycoplasma capricolum</i>, <i>Mycoplasma mycoides</i> var. <i>mycoides</i> kolonja kbira), fl-aħħar sitt xhur,</p> <p>(ii) il-paratuberkulożi u l-limfadeniti ġobnija, fl-aħħar 12-il xahar,</p> <p>(iii) l-adenomatozi pulmonarja, fl-aħħar tliet snin, u</p> <p>(iv) Maedi/Visna jew artrite/enċefalite virali kaprina:</p> <p>(²) <i>jew</i> [matul dawn l-aħħar 3 snin,]</p> <p>(²) <i>inkella</i> [fl-aħħar 12-il xahar, u l-annimali infettati kollha nqatlu u l-annimali li kien baqa', sussegwentement irreaġixxew b'riżultat negattiv għaż-żewġ testijiet li sarulhom b'intervall ta' mill-inqas sitt xhur bejniethom,]</p>		

PAJJIŻ

Mudell OVI-X

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
	(b) huma inklużi f'sistema uffiċjali għan-notifikazzjoni ta' dan il-mard, u		
	(c) kienu ħielsa minn evidenza klinika jew evidenza oħra ta' tuberkulożi u bruċellożi matul it-tliet snin ta' qabel l-esportazzjoni;		
II.2.5.	mhumieq annimali li se jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni ta' mard, u lanqas ma tlaqqmu kontra l-mard imsemmi fil-punt II.2.1.(a) u (b);		
II.2.6.	joriġinaw:		
(²)(³) <i>jew</i>	[mit-territorju deskritt fil-kaxxa bin-numru ta' referenza I.8, li għie rikonoxxut uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi;]		
(²) <i>inkella</i>	[mir-razzett jew l-irziezet deskritt(i) skont il-kaxxa bin-numru ta' referenza I.11, fejn, fir-rigward tal-bruċellożi (<i>Brucella melitensis</i>):		
	(a) l-annimali kollha suxxettibbli ilhom ħielsa minn sinjali kliniċi jew kwalunkwe sinjal ta' din il-marda għall-aħħar 12-il xahar,		
	(b) għadd rappreżentattiv ta' annimali ovini u kaprini domestiċi li għandhom iktar minn sitt xhur jittressqu kull sena għal test seroloġiku. (⁴)		
(²)(⁵) <i>jew</i>	[(c) l-annimali domestiċi ovini u kaprini kollha ma tlaqqmux kontra din il-marda, minbarra dawk li tlaqqmu bil-vaċċin Rev. 1 iktar minn sentejn ilu;		
	(d) l-aħħar żewġ testijiet(⁶), separati minn xulxin b'intervall ta' mill-inqas sitt xhur, saru fil- (jj/xx/ssss) u fil- (jj/xx/ssss) fuq l-annimali domestiċi ovini u kaprini kollha li għandhom iktar minn sitt xhur taw riżultati negattivi, u]		
(²) <i>inkella</i>	[(c) l-annimali domestiċi ovini u kaprini ta' taħt is-7 xhur tlaqqmu kontra din il-marda bil-vaċċin Rev. 1;		
	(d) l-aħħar żewġ testijiet(⁶), mifrudin minn xulxin b'intervall ta' mill-inqas sitt xhur, saru: fil- (jj/xx/ssss) u fil- (jj/xx/ssss) fuq l-annimali domestiċi ovini u kaprini kollha mhux imlaqqma li għandhom iktar minn sitt xhur, u fil- (jj/xx/ssss) u fil- (jj/xx/ssss) fuq l-annimali domestiċi ovini u kaprini kollha li għandhom iktar minn 18-il xahar taw riżultati negattivi, u]		
	(e) hemm biss annimali domestiċi ovini u kaprini li jissodisfaw il-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti ta' hawn fuq;]		
(²) [II.2.7.	l-imtaten mhux ikkastrati nżammu kontinwament matul is-60 jum ta' qabel, frazzett fejn ma ġie ddijanostikat l-ebda każ ta' epididimite li tittieħed (<i>Brucella ovis</i>) fl-aħħar 12-il xahar u, matul it-30 jum ta' qabel, lil dawn l-imtaten sarilhom test ta' fissazzjoni tal-komplement biex jindividwa l-epididimite li tittieħed b'riżultat ta' inqas minn 50 IU/ml;]		
II.2.8.	inżammu kontinwament mit-twelid fil-pajjiż fejn jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:		
	(a) l-iscrapie klassika hija notifikabbli b'mod obbligatorju;		
	(b) hemm stabbilita sistema ta' għarfien, sorveljanza u monitoraġġ tal-iscrapie klassika;		
	(c) l-annimali ovini u kaprini milquta mill-iscrapie klassika jinqatlu u l-kadavri jinqerdu kompletament;		
	(d) l-għalf lill-annimali ovini u kaprini ta' laħam u għadam imfarrak jew ta' qriegec li joriġinaw minn ruminanti huwa pprojbit u l-projizzjoni hija infurzata b'mod effettiv fil-pajjiż kollu għal perjodu ta' mill-inqas seba' snin, u		
(²) <i>jew</i>	[II.2.8.1 dawn huma annimali maħsubin għall-produzzjoni u biex jintbagħtu fi Stat Membru barra minn dawk li ma għandhomx status ta' riskju neglīgi bbl għall-iscrapie klassika, jew minbarra dawk li huma approvati skont il-punt 2.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, jew minbarra dawk li huma elenkati fil-punt 3.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 li għandhom programm nazzjonali approvat għall-kontroll tal-iscrapie;		
(²) <i>inkella</i>	[II.2.8.1 dawn huma annimali maħsubin għat-tgħammir u biex jintbagħtu fi Stat Membru minn dawk li ma għandhomx status ta' riskju neglīgi bbl għall-iscrapie klassika, li huma approvati skont il-punt 2.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew minbarra dawk elenkati fil-punt 3.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 li għandhom programm nazzjonali approvat għall-kontroll tal-iscrapie u:		
(²) <i>jew</i>	[ġejjin min stabbiliment(i) li kkonforma(w) mal-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 1.3 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]		
(²) <i>inkella</i>	[huma annimali ovini tal-ġenotip tal-proteina prijoniċa ARR/ARR u ġejjin minn stabbiliment fejn fl-aħħar sentejn ma tkun għet imposta l-ebda restrizzjoni uffiċjali fuq il-moviment tagħhom minħabba BSE jew scrapie klassika;]		

PAJJIŻ

Mudell OVI-X

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
(2) inkella	[II.2.8.1 huma maħsubin biex jintbagħtu fi Stat Membru li għandu status ta' riskju negliġibbli għall-iscrapie klassika, li hu approvat skont il-punt 2.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew għal Stat Membru elenkat fil-punt 3.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 li għandu programm nazzjonali approvat għall-kontroll tal-iscrapie; u:		
(2) jew	[ġejjin min stabbiliment(i) li kkonforma(w) mal-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 1.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]		
(2) inkella	[huma annimali ovini tal-ġenotip tal-proteina prjonika ARR/ARR u ġejjin minn stabbiliment fejn fl-aħħar sentejn ma tkun ġiet imposta l-ebda restrizzjoni uffiċjali fuq il-moviment tagħhom minħabba BSE jew scrapie klassika;]		
(2) jew	[huma/kienu (2) mibgħuta mill-istabbiliment(i) tagħhom tal-orijini, mingħajr ma għaddew minn ebda suq,		
(2) jew	[direttament lejn l-Unjoni,]		
(2) inkella	[lejn ċentru ta' raggruppament awtorizzat uffiċjalment deskritt fil-kaxxa bin-numru ta' referenza I.13 li jinsab fit-territorju deskritt fil-punt II.2.1.,]		
	u, sakemm intbagħtu lejn l-Unjoni:		
	(a) ma ġewx f'kuntatt ma' annimali oħra bid-difer mifruq li mhumiex konformi mal-istess rekwiżiti tas-saħħa kif deskritti f'dan iċ-ċertifikat, u		
	(b) ma kienu fl-ebda post fejn fih, jew madwaru f'raġġ ta' 10 km, matul it-30 jum ta' qabel, kien hemm każ/tifqigħa ta' ebda mill-mardiet imsemmijin fil-punt II.2.1.;		
II.2.10.	kull vettura tat-trasport jew kontejner li tgħabbew fiha, tnaddfet u ġiet iddizinfettata qabel it-tagħbija, b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment;		
II.2.11.	ġew eżaminati minn veterinarju uffiċjali fi żmien 24 siegħa mit-tagħbija u ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard;		
II.2.12.	tgħabbew għad-dispaċċ lejn l-Unjoni fil-..... (jj/xx/ssss) (6) fil-mezzi tat-trasport deskritti fil-kaxxa bin-numru ta' referenza I.15 aktar 'il fuq, li tnaddfu u ġew diżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment u li huma mibnija b'tali mod li l-feċi, l-urina, l-imfierex jew l-għalf ma jkunux jistgħu jnixxu jew jaqgħu barra mill-vettura jew mill-kontejner waqt it-trasport.		
II.3.	Attestazzjoni tat-trasport tal-annimali		
	Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-annimali deskritti aktar 'il fuq ġew ittrattati qabel u waqt it-tagħbija skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, b'mod partikolari fejn jikkonċerna l-ilma u l-għalf, u huma f'kundizzjoni tajba għat-trasport maħsub.		
Noti	Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għal annimali ovini domestiċi (<i>Ovis aries</i>) u annimali kaprini domestiċi (<i>Capra hircus</i>) ħajjin maħsuba għat-tgħammir jew għall-produzzjoni.		
	Wara l-importazzjoni l-annimali għandhom jittieħdu mingħajr dewmien lejn ir-razzett tad-destinazzjoni fejn għandhom jibqgħu għal perjodu minimu ta' 30 jum qabel ma jerġgħu jinħarġu mill-istabbiliment, flief fil-każ li jintbagħtu lejn biċċerija.		
Parti I:	<ul style="list-style-type: none"> — Il-kaxxa bin-numru ta' referenza I.8.: Agħti l-kodiċi tat-territorju li jidher fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010. — Il-kaxxa bin-numru ta' referenza I.13.: Jekk ikun hemm ċentru ta' raggruppament, dan għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tiegħu, kif stabbilit fil-Parti 5 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010. — Il-kaxxa bin-numru ta' referenza I.15.: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-tijira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur). Fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-BIP bid-dħul fil-Unjoni. — Il-kaxxa bin-numru ta' referenza I.19: Uża l-kodiċi HS rilevanti: 01.04.10 jew 01.04.20. — Il-kaxxa bin-numru ta' referenza I.23.: Fil-każ ta' kontejners jew kaxex, għandu jiġi inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli). 		

PAJJIŻ

Mudell OVI-X

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<p>— Il-kaxxa bin-numru ta' referenza I.28.: <i>Sistema ta' identifikazzjoni</i>: L-annimali għandu jkollhom:</p> <p>Numru individwali li jippermetti li jiġi rintraċċat il-post tal-orijini tagħhom. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal tikketta, tatwaġġi, ħruq fuq il-ġilda, ċippa, transponder) u l-post anatomiku użat fuq l-annimal.</p> <p>Tikketta tal-widnejn li tinkludi l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-esportazzjoni. Numru individwali li jippermetti li jiġi rintraċċat l-istabbiliment tal-orijini tagħhom.</p> <p><i>Speċi</i>: Agħżel bejn 'Ovis aries' u 'Capra hircus' skont il-każ.</p> <p><i>Età</i>: (xhur).</p> <p><i>Sess</i> (M = maskil, F = femminili, C = ikkastrat).</p> <p>Parti II:</p> <p>(1) Il-kodiċi tat-territorju li jidher fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.</p> <p>(2) Żomm, kif suppost.</p> <p>(3) Biss għal territorju li jkollu l-annotazzjoni 'V' fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.</p> <p>(4) L-għadd rappreżentattiv ta' annimali li għandhom jiġu ttestjati għall-bruċellożi għal kull stabbiliment għandu jikkonsisti minn: l-annimali maskili kollha mhux ikkastrati, li ma tlaqqmox kontra l-bruċellożi, li għandhom iktar minn sitt-xhur, l-annimali maskili kollha mhux ikkastrati, imlaqqma kontra l-bruċellożi, li għandhom iktar minn 18-il xahar, l-annimali kollha miġjuba fl-istabbiliment wara l-aħħar testijiet, u 25% tas-sess femminili li huma sesswalment maturi, b'mill-inqas 50 tas-sess femminili.</p> <p>(5) Din trid tintela meta d-destinazzjoni tkun Stat Membru jew parti minn Stat Membru elenkat f'wieħed mill-Annessi tad-Deċiżjoni 93/52/KEE.</p> <p>(6) Skont il-Parti 6 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010. Meta jkun involut iktar minn stabbiliment wieħed tal-orijini, id-data tal-aktar test reċenti f'kull stabbiliment għandha tiġi indikata b'mod ċar.</p> <p>(7) Il-garanziji supplimentari li għandhom jiġu ppreżentati meta meħtieġ fil-kolonna 5 "SG" tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, bl-annotazzjoni "A". Testijiet għall-marda tal-ilsien blu u għall-marda epizootika emorraġika skont il-Parti 6 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.</p> <p>(8) Id-data tat-tagħbija. L-importazzjoni ta' dawn l-annimali ma għandhiex tkun permessa meta l-annimali jkunu tgħabbew, jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni tal-pajjiż terz, tat-territorju msemmi fil-Kaxxi I.7 u I.8, jew ta' parti minnu, għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni; jew matul perjodu fejn ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni kontra l-importazzjoni ta' dawn l-annimali minn dan il-pajjiż terz, minn dan it-territorju, jew minn parti minnu.</p> <p>(9) Programm ta' sorveljanza kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 37.)</p>		
<p>Veterinarju uffiċjali</p> <p>Isem (b'ittri kapitali):</p> <p>Data:</p> <p>Timbru:</p> <p>Kwalifika u titlu:</p> <p>Firma:"</p>		